Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-3 ta' Marzu 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**Versus**

**Brian Philip Mifsud**
**(229668M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra Brian Philip Mifsud, ta' 51 sena, bin Tarcisio u Vincenza xebba Gaccoi, imwieled Attard nhar it-22 ta' Mejju 1968, residenti Notre Reve, Triq Dun Manwel Zammit, Siġġiewi u detentur ta' karta ta l-Identita bin-numru 229668M;

Fejn huwa gie akkuzat talli nhar l-10 ta' Novembru 2019, għall-ħabta tal-11.30hrs, ġewwa Notre Reve, Triq Dun Manwel Zammit, Siġġiewi;

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed l-ħajja ta' martu Joanne Mifsud f'periklu ċar, ikkaġunalha ġrieħi ta' natura ġravi, hekk kif iċċertifikat Dr. Nicole Zerafa MD.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat l-Artikoli pprezentati fl-14 t'Awissu 2021 (esebiti *a fol.*55 ta' l-atti processwali) fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub:-

- Fl-Artikolu 214, 215, 216(1)(b) u 221(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 17, 31, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikolu 383, 384, 385, 386, 387 Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat ix-xhieda tal-*parte civile* Joanne Mifsud, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2020, fejn ghazlet li ma' tixhidx fil-konfront ta' zewgha f'dawn il-proceduri.

Semghat ix-xhieda ta' Dr. Nicole Zerafa, Dr Mario Scerri, PS1085 Joseph Bayliss u ta' l-iSpettur Kylie Borg.

Semghat it-trattazjoni tal-partijiet fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2021.

**Ikkunsidrat**

Illi xehdet Dr. Nicole Zerafa, li gharfet lil *parte civile* fl-awla u kkonfermat illi hi kienet harget ic-certifikat mediku, li jinsab *a fol.* 4 tal-process, wara li nvistat lil Joanne Mifsud fl-10 ta' Novembru 2019 fis-1.45pm, fejn il-*parte civile* kellha ferita miftuha fil-bicca ta' fuq ta' ghajnejha u x-xhud ghamlitilha l-punti. Ix-xhuq qalet illi ma' tiftakarx kemm il-punt ghamlitilha u li ma' ratx griehi ohra meta ezaminatha. Joanne kienet qaltilha li kienet qalghet daqqa f'wiccha minghand zewgha u li hi kienet ratha dakinhar biss. Fil-kontro ezami x-xhud kkonfermat illi Joanne kienet semmiet li kellha nuccali, imma ma' tafx jekk il-ferita saritx bin-nuccali. Hi kienet iccertifikat bhala ferita gravi, ghax kienet ferita miftuha fil-wicc.

Illi fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2020 xehed Dr. Mario Scerri fejn ipprezenta rapport li gie immarkat bhala Dok MS1. Ix-xhud qal illi l-*parte civile* kellha lezzjoni zghira fuq in-naha tax-xellug tal-mohh. Kienet cikartici li bilkemm tidher rizultant ta' blunt trauma u ghalhekk mill-punt mediku huwa ta' natura hafifa.

Illi xehed PS1085 Joseph Bayliss, li kkonferma li kien ghamel ir-rapport li jinsab *a fol. 8 et sequitur*. Hu kien mar fuq il-post u meta wasal ra lil imputat, li qallu li kellu xi jghid mall-mara, wara li hi kienet tat daqqa lit-tifla biex tikkoregieha ghax waqqat bott kunserva mal-art, u hu ma felahx jara hekk, u b'hekk ta' daqqa lil mara tieghu. Il-mara kienet marret ghand il-genituri taghha, u hu kien qalilha biex tmur il-polyclinic. Fil-kontro ezami x-xhud ikkonferma illi l-*parte civile* kienet ikkonfermat illi kienet sawtet lit-tifla meta saqsiha.

Illi xehdet l-iSpettur Kylie Borg, u qalet illi fl-10 ta' Novembru 2019, PS 1085 kien infurmaha illi kien hemm rapport ta' vjolenza domestika, fejn ir-ragel kien allegatament ta' daqqa ta' ponn lil martu. Il-*parte civile* kienet irrifjutat illi taghmel risk assessment, imma kellha r-rapport u c-certifikat mediku li kien irrizulta bhala griehi gravi. X-xhud kienet baghtet ghal Brian Philip Mifsud, l-imputat, l-ghada fil-11 ta' Novembru 2019. Ix-xhud ikkonfermat d-dokumenti *a fol.* 6 u 7, bhala l-istqarrija ta' l-imputat li kien ta', wara li rrifjuta d-dritt ta' l-Avukat. L-imputat kien ikkonferma illi t-tifla kienet waqqat vazett tal-kunserva li kien inkiser, u l-mara bdiet tghajjat mat-tifla u bdiet issawatha. Hu kien mar biex jghid lil mara tieqaf tghajjat u raha tarmilhom iz-zraben barra mill-gallarija, u li l-imputat hebb ghal-mara billi taha daqqa ta' ponn go wiccha u kissrilha n-nuccali. X-xhud qalet illi l-imputat kien skuza ruhu mall-mara u mall-Pulizija u kien lest li jfittex l-ghajnuna. Fil-kontro ezami x-xhud ikkonfermat illi qatt ma kien hemm incidenti bejn il-partijiet qabel dan.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-10 ta' Novembru 2019, l-*parte civile* kienet ghamlet rapport kontra r-ragel taghha illi kien ta' daqqa u kkawzalha griehi gravi. Quddiem il-Qorti l-*parte civile,* li tigi l-mara ta' l-imputat, hafret lir-ragel taghha u ghazlet li ma' tixhidx fil-konfront tieghu. L-iSpettur ikkonfermat illi l-*parte civile* kienet infurmatha illi ma' tixtieqx tipprocedi fil-Qorti u illi dan kien incident ta' darba. Ghalkemm ic-certifikat mediku mahrug mit-tabib tal-polyclininc kien jindika li l-*parte civile* kienet sofriet ferita gravi, l-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri kien xehed illi kienet ta' natura hafifa.

Illi l-Qorti wara li semghat ix-xhieda u rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali hija konvinta illi l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma' gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant il-Qorti, qed issib lil imputat **mhux hati** ta' l-akkuzi migjuba kontrih u qed tilliberah minnhom.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat